SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 18/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 08/08/'13 301**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 08/08/'13 356**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 8 t' Awwissu 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Assenti: (0)

1.05 Skużati: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-2 t' Awwissu 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2013
4. Offerti
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Minuti 17/K7/13 u l-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Dan minħabba li bil-'load' tax-xogħol u nuqqas ta' staff ma kienx hemm biżżejjed żmien biex isiru.

1.3.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3772,3922 & K914 | Korrispondenza dwar rampa perikoluza fit-Triq B'Kara San Ġiljan. |
| 3870 & 4341 | Memo 17/2013 rigward skema ta' għajnuna finanzjarja għal Streaming tal-laqgħat on line u e-mail mingħand il-Kunsill Lokali Gżira b'konnessjoni ma' l-istess suġġett. |
| 4030 | *Statement of Account* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. |

4120 Email mingħand il-Viċi Sindku Charles Camenzuli rigward l-attendenza tiegħu għal-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Lulju 2013.

4151 Korrispondenza mingħand European Cities Against Drugs rigward konferenza li ser issir gewwa San Patrignano.

4298 Pjanta tar-rampa ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru:** 3772,3922 & K914

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza dwar rampa perikoluza quddiem residenza Nru. 34 fit-Triq B'Kara San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li l-okkupant tar-residenza jiġi nfurmat biex titneħħa din ir-rampa, għas-spejjeż tiegħu, peress li din ma saritx mill-Kunsill u hija ta' periklu għall-pubbliku.

**Rif Nru: 3870 & 4341**

2.03 Saret riferenza għall-Memo17/2013 rigward skema ta' għajnuna finanzjarja għal *streaming* tal-laqgħat *online* u għall-*e*mail li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kunsill Lokali Gżira b'konnessjoni ma l-istess suġġett. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma japplikax għall-iskema iżda jistenna l-*update* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.04 Il-Kunsillier Alex Grech wasal fis-2.20p.m.

**Rif. Nru. 4120**

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku Charles Camenzuli rigward l-attendenza tiegħu għal-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Lulju 2013. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li jiġi skużat għal-laqgħa ta' Lulju.

2.06 **Rif.Nru. 4151**

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand European Cities Against Drugs rigward konferenza li ser issir ġewwa San Patrignano. Il-Kunsill ġie nfurmat li kemm is-Segretarju

Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku mhux ser jattendu għal din il-konferenza.

2.07 Il-Kunsillier Norman Vella wasal fis-2.30p.m.

2.08 **Rif Nru. 4298**

Saret riferenza għall-Pjanta tar-rampa ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy. Filwaqt li l-Kunsill qabel mal-proposta, ġie deċiż unanimament li qabel issir tintalab stima.

**3. Rapport Finanzjarju sat- 30 ta' Ġunju 2013**

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bir-rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2013 (Ara Appendiċi 'A') u ngħata spjegazzjoni dettaljata.

3.02 Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

3.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Offerti:**

4.01 **Knis u Tindif tat-Toroq**

4.02 Il-Kunsill ġie pprezentat b'*schedule* ta' l-offerti tal-Knis u Tindif tat-Toroq (Ara Appendiċi 'B').

4.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsilliera Irene Borg ppproponiet li tintgħażel l-offerta ta' l-Waste Collection Limited minħabba li din l-offerta hija l-aktar waħda ekonomika u vantaġġjuża.

4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatha.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi**

4.06 Il-Kunsill ġie pprezentat *b'schedule* ta' l-offerti tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi (Ara Appendiċi 'C').

4.07 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Alex Grech ppropona li tintgħazel l-offerta ta' Sandro Caruana minħabba li l-offerta tiegħu hija l-aktar waħda ekonomika u vantaġġjuża.

4.08 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ġbir ta' Skart Domestiku nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa**

4.10 Il-Kunsill ġie pprezentat bl-evalwazjoni ta' l-offerti tal-Ġbir ta' Skart Domestiku nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa biss (Ara Appendiċi ' D').

4.11 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jagħżel l-ebda offerta. Dan minħabba li tlieta minn dawk li ssottometew l-offerti ma kellhomx id-dokumenti kollha mitluba u l-bid-bond kienet inqas milli rikjesta filwaqt li t-tenderer l-ieħor jeċċedi l-ammont li l-Kunsill jiflaħ iħallas.

**Espressjoni ta' Interess – Proġett Dar ta' l-Anzjani nkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

4.12 Rigward is-sejħa għal Espressjoni ta' Interess dwar il-proġett tad-Dar għal Anzjani nkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**, i**l-Kunsill ġie nfurmat li ntefgħu tlett sottomessjonijiet (Ara Appendiċi 'E') u li ngħatat kopja tagħhom lill-MP & DC biex issir l-evalwazzjoni u rakkomandazzjoni għal *strategic partner* u jew *partners*.

4.13 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fl-20 ta' Awwissu 2013 tagħlaq ukoll is-sejħa li ħareġ il-Gvern għal espressjoni ta' interess għall-Public Private Partnership għall-kura fit-tul ta' l-anzjani. Għalhekk informa lill-Kunsill li sa dik id-data ser ikun hemm il-bżonn li l-Kunsill jiltaqa' diversi drabi biex jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa.

4.14 Peress li l-Kunsilliera mhux kollha setgħu jattendu għal dawn il-laqgħat iċ-Ċermen ippropona li jinħatar sotto-kumitat biex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet għan-nom u fl-aħjar interess tal-Kunsill.

4.15 Il-Viċi-Sindku ssekondah.

4.16 Ġie deċiż unanimament li s-sotto-kumitat ikun magħmul mis-Sindku Peter Bonello, il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Norman Vella u li dawn jiddeċiedu għan-nom u fl-aħjar interess tal-Kunsill meta ma jkunx hemm il-Kunsilliera l-oħra preżenti

4.17 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2013 fid.9.30 a.m. ser jiltaqa' dan is-sotto kumitat biex tittieħed deċiżjoni fuq l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Perit.

4.18 Skont id-deċiżjoni tas-sotto kumitat minn jiġi appuntat jiġi nfurmat u t-Tlieta 13 ta' Awwissu 2013 issir laqgħa miegħu jew magħhom, l-avukat tal-Kunsill u l-Kunsilliera, biex ikun hemm qbil fuq il-'joint submission' għall-espressjoni ta' interess li ħareġ il-Gvern, li tagħlaq fl-20 ta' Awwissu 2013. Fl-istess laqgħa jintalab parir legali dwar jekk għandux isir *memorandum of understanding* jew kuntratt li tirregola r-relazzjoni bejn il-Kunsill u minn ikun ġie appuntat.

4.19 Iċ-Ċermen saħaq l-importanza ta' dawn il-laqgħat u nsista li jekk hu possibbli jkunu preżenti l-Kunsilliera kollha.

4.20 Il-Kunsilliera Irene Borg u Richard Scicluna affermaw li ser jattendu wkoll għall-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2013.

4.21 **Festa Titolari :**

4.22 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'*schedule* ta' l-offerti rigward l-attivita' għall-festa titolari (Ara Appendiċi 'F').

4.23 Ġie deċiż unanimament li din l-offerta ma tiġix aċċetta peress li l-prezz tal-kwotazzjoni huwa għoli ħafna meta pparagunat ma' dak li ħallas il-Kunsill fis-snin ta' qabel.

4.24 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li s-Sindku javviċina lil Carmelo Tanti fejn jiġi nfurmat li l-Kunsill lest iħallas l-ammont ta' €650 għaż-żewġ attivitajiet.

**IT Support Service** :

4.25 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'*schedule* ta' l-offerti għal IT Hardware u Software Support Service (Ara Appendiċi 'G').

4.26 Ġie deċiż unanimament li din l-offerta ma tiġix aċċettata iżda jiġi avviċinat l-kuntrattur biex jirrevedi l-offerta.

4.27 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jinħargu l-offerti għal :-

a) '*Upkeep and Maintenance 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets'*

b) Servizz ta' Accountant

c) Servizz ta Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H ').

5.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3446 sa 3457 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

6.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3446 sa 3457.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 7. Materji Oħra

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-għada tal-festa titolari, l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ser ikun miftuħ għal servizz ta' Customer Care biss.

7.02 Qed tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-HSBC qalbu s-sistema ġdida ta' *internet banking* (HSBC net) li sallum għadha ma taħdimx. B' konsegwenza li l-amministrazzjoni qed ikollha problema biex tagħlaq l-accounts kull xahar kif ukoll biex tippreżenta r-rapport finanzjarju fil-hin. Għaldaqstant ġie deċiż li ser jingħata ċans xahar ieħor u jekk sa dak iż-żmien is-sistema ma tkunx taħdem, il-Kunsill jiddeċiedi jekk jibqax juża s-servizz ta' l-HSBC.

7.03 Ġie deċiż unanimament li fil-Bus Shelter ta' ħdejn il-monument tal-LOVE isiru siġġijiet tat-tip tar-riklami u li ma jitħallasx id-dritt tal-permess.

7.04 Dwar it-turist maps li tqegħdu fil-lokalita', il-Kunsill ġie nfurmat li jista' jagħmel l-avviżi tiegħu.

7.05 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 26 ta' Settembru 2013 fis-2.30p.m.

7.06 Il-laqgħa ntemmet 4.25p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |